Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni – Fondi ta' Investiment Ewropej fuq Terminu Twil

(2014/C 126/03)

I. **RAKKOMANDAZZJONIJIET TA' POLITIKA**

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

Kummenti ġenerali dwar ir-Regolament

1. jilqa' r-regolament propost bħala pass pożittiv lejn il-finanzjament tal-ekonomija futura. Il-Fondi ta' Investiment Ewropej fuq Terminu Twil (ELTIFs) għandhom il-potenzjal li jikkontribwixxu għal żieda fil-kapital disponibbli għall-proġetti fuq terminu twil li jappoġġjaw it-tkabbir ekonomiku sostenibbli;

2. jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li waqt il-kriżi ekonomika, l-investiment pubbliku fil-livell sottonazzjonali tnaqqas drastikament fl-Ewropa u għaldaqstant jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat li l-ELTIFs ma jitqisux bħala sors ta' finanzjament li jista' jissostitwixxi t-trasferiment tal-fondi tal-gvern nazzjonali għall-awtoritajiet sottonazzjonali;

3. jirreferi għall-Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar ir-rakkomandazzjonijiet għal infiq aħjar ([1]) li tenfasizza l-importanza tal-bażits lokali u reġjonali bħala proporzjoni tal-infiq pubbliku fl-Unjoni Ewropea, li rrappreżenta 16,7 % tal-PDG fl-2011, li jsawwar 34 % tal-ammont totali tal-infiq pubbliku fl-Unjoni Ewropea, fejn l-investiment dirett għandu rwol kbir f'dawn il-bażits, li huwa fattur ewlieni fl-irkupru rapidu tal-ekonomija;

4. jenfasizza l-importanza li l-ELTIFs jiġu mifhuma fil-kuntest tal-Istrateġija Ewropa 2020, b'mod partikolari kif jista' jiġi promoss tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv permezz ta' investiment f'assi fuq terminu twil. Bl-istess mod, jekk isir progress lejn il-miri tal-Ewropa 2020, jista' jsir disponibbli aktar kapital, u l-investiment fuq terminu twil jista' jiżviluppa fi prospetti aktar attraenti;

5. jenfasizza li l-abbozz ta' regolament ma jintroduċi l-ebda obbligu sostanzjali ġdid u li potenzjalment jista' jipprovdi benefiċċji ċari, u għal din ir-raġuni jqis li l-abbozz ta' regolament jikkonforma mal-prinċipju tas-sussidjarjetà;

6. jenfasizza li l-abbozz ta' regolament għandu l-iskop li joħloq marka ta' prodott komuni li għaliha hemm interess pubbliku qawwi u li tistabbilixxi s-sisien għal suq komuni, kompetittiv u kosteffiċjenti għall-ELTIFs u għaldaqstant iqis li l-abbozz ta' regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb qafas legali komuni għall-ELTIF;

7. jenfasizza li l-lokalitajiet u r-reġjuni huma benefiċjarji potenzjali tal-investimenti fuq terminu twil f'assi tanġibbli (bħalma huma l-enerġija, l-infrastrutturi tal-komunikazzjoni u t-trasport, il-faċilitajiet industrijali u tas-servizzi, id-djar u t-tibdil fil-klima u t-teknoloġiji tal-ekoinnovazzjoni) kif ukoll assi intanġibbli (bħalma huma l-edukazzjoni u r-riċerka u l-iżvilupp);

8. jagħmel referenza għall-valutazzjoni tal-impatt tal-Kummissjoni tal-UE ([2]) fir-rigward tal-proposta, li enfasizzat l-iskemi eżistenti fi whud mill-pajjiżi Ewropej. Attwalment jeżisti suq Ewropew frammentat għall-investiment f'assi fuq terminu twil li huwa kemm raġuni favur il-ħolqien tal-ELTIFs kif ukoll ostaklu għall-implimentazzjoni effiċjenti tagħhom. L-ELTIFs għandhom jiksbu l-bilanċ bejn li jattiraw u jiġġeneraw id-domanda għal investiment fuq terminu twil filwaqt li jiżguraw li jkun hemm għażla fost l-investituri. (ELTIFs li jippromovu l-investiment transkonfinali fuq terminu twil);

9. jenfasizza l-ħtieġa għal monitoraġġ tal-implimentazzjoni tar-regolament minħabba li huwa strument ieħor li jista' jikkontribwixxi għal kapital fuq terminu twil, kif ukoll minħabba l-frammentazzjoni attwali tal-investiment fl-assi fuq terminu twil fis-suq Ewropew;

10. iqis li l-Proposta għal Regolament dwar l-ELTIF għandha tiġi akkumpanjata minn proposti tal-Kummissjoni dwar ir-rikonoxximent reċiproku mill-Istati Membri tar-rekwiżiti ta' divulgazzjoni u dokumenti kummerċjali għall-kummerċjalizzazzjoni tal-fondi;

11. iwissi li s-sistemi tat-taxxa differenti tal-Istati Membri, b'mod partikolari l-inċentivi fiskali differenti u r-riskju ta' tassazzjoni doppja meta l-investituri jkunu bbażati fi Stat Membru differenti minn dak tal-maniġer tal-fond, jistgħu jostakolaw il-ġbir tal-kapital fl-ELTIFs u l-iżvilupp tagħhom, b'mod partikolari fejn jidħlu proġetti transkonfinali;

([1]) CdR 2013/3609.
([2]) SWD(2013) 231 final.

12. jappoġġja l-ħtieġa għal livell ta' flessibbiltà fil-perjodi ta' parteċipazzjoni u jemmen li għandu jkun f'idejn il-maniġers individwali tal-assi tal-ELTIF li jivvalutaw il-ħtieġa li jiġi definit iċ-ċiklu tal-ħajja tal-fond jew it-termini li fihom jistgħu jitwettqu l-ammortizzazzjonijiet (bikrija). Jemmen li d-determinazzjoni imposta minn qabel taċ-ċiklu tal-ħajja tal-fond tista' tmur kontra l-aqwa interessi tal-fond, l-investitur u/jew l-investimenti fil-mira;

13. jemmen li sabiex jitħeġġeġ l-aptit tal-investituri u tal-maniġers tal-assi għall-ELTIFs, għandhom jiġu permessi ċerti tekniki ta' strutturar, bħalma huwa l-użu tal-SPVs ([3]). Huwa importanti li jiġi żgurat li l-fond isir investiment attraenti għall-investituri (inklużi l-awtoritajiet lokali u reġjonali) u li jkun jista' jikkompeti ma' investimenti oħra.

II. **RAKKOMANDAZZJONIJIET SABIEX JITRESSQU L-EMENDI**

Emenda 1

Premessa 2

Raġuni

Evidenti.

Emenda 2

Artikolu 20

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Distribuzzjoni tad-dħul	*Distribuzzjoni ~~tad-dħul~~*
1. ELTIF jista' regolarment iqassam lill-investituri l-introjtu ġġenerat mill-assi li jinsabu fil-portfoll. Dan l-introjtu jkun magħmul minn:	1. ELTIF jista' ~~regolarment i~~jqassam lill-investituri l-introjtu ġġenerat mill-assi li jinsabu fil-portfoll. ~~Dan l-introjtu jkun magħmul minn:~~
(a) kwalunkwe introjtu li l-assi qed joħolqu b'mod regolari;	~~(a) kwalunkwe introjtu li l-assi qed joħolqu b'mod regolari;~~
(b) l-apprezzament tal-kapital li jseħħ wara d-disponiment ta' assi, iżda li jeskludi l-impenji tal-kapital mittieħda oriġinarjament.	~~(b) l-apprezzament tal-kapital li jseħħ wara d-disponiment ta' assi, iżda li jeskludi l-impenji tal-kapital mittieħda oriġinarjament.~~
2. L-introjtu ma għandux jiġi ddistribwit sal-punt li jiġi meħtieġ għall-impenji tal-ELTIF tal-ġejjieni.	2. ~~L-introjtu ma għandux jiġi ddistribwit~~ Dawn id-distribuzzjonijiet m'għandhomx isiru sal-punt li jiġi meħtieġ għall-impenji tal-ELTIF tal-ġejjieni.
3. ELTIF fir-regoli jew l-istrumenti ta' inkorporazzjoni tal-fond tiegħu jiddikjara l-politika ta' tqassim li se jadotta matul ħajjet il-Fond.	3. ELTIF fir-regoli jew l-istrumenti ta' inkorporazzjoni tal-fond tiegħu jiddikjara l-politika ta' tqassim li se jadotta matul ħajjet il-Fond.

Raġuni

Il-maniġers tal-assi għandu jkollhom ċerta flessibbiltà fir-rigward tal-ammortizzazzjoni (bikrija) u ċ-ċiklu tal-ħajja fl-interess tal-investituri u l-investimenti involuti.

Emenda 3

Artikolu 21(3)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
(e) kwalunkwe informazzjoni oħra meqjusa mill-awtoritajiet kompetenti bħala relevanti għall-iskop tal-paragrafu 2.	~~(e) kwalunkwe informazzjoni oħra meqjusa mill-awtoritajiet kompetenti bħala relevanti għall-iskop tal-paragrafu 2.~~

Raġuni

L-esperjenzi tal-UCITS urew li paragrafi bħal dawn ta' spiss intużaw sabiex is-suq intern ma jitħalliex jiffunzjona b'mod adegwat.

([3]) *Strumenti ta' Għan Speċjali*

Emenda 4

Artikolu 28

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Artikolu 28	Artikolu 28
Setgħat u kompetenzi tal-AETS	*Setgħat u kompetenzi tal-AETS*
1. L-ESMA jkollha s-setgħat meħtieġa sabiex twettaq il-kompiti attribwiti lilha f'dan ir-Regolament.	1. L-ESMA jkollha s-setgħat **u r-riżorsi** meħtieġa sabiex twettaq il-kompiti attribwiti lilha f'dan ir-Regolament.

Brussell, 30 ta' Jannar 2014

Il-President
tal-Kumitat tar-Reġjuni

Ramón Luis VALCÁRCEL SISO